2024/2970

2.12.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2970

tad-29 ta' Novembru 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-preżenza tal-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam fuq il-pjanti għat-tħawwil tas-*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu u tal-*Capsicum annuum* L., u li jistabbilixxi r-rati ta' frekwenza tal-kontrolli uffiċjali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 37(4), l-Artikolu 72(2) u l-Artikolu 79(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22(3) u l-Artikolu 52 u l-Artikolu 54(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1032 ([3]) li jistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV, Tomato brown rugose fruit virus) ("il-pest speċifikat"). Dawk il-miżuri kienu bbażati fuq l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 peress li, f'dak iż-żmien, dak il-pest ma kienx elenkat bħala pest ta' kwarantina fl-Unjoni. Il-pest speċifikat jiġi trażmess permezz tal-pjanti għat-tħawwil tas-*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tagħhom, u tal-*Capsicum annuum* L.

(2) Skont ir-rapporti ppreżentati minn diversi Stati Membri, mill-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1032, il-pest speċifikat infirex ħafna fit-territorju tal-Unjoni minkejja l-miżuri stabbiliti f'dak ir-Regolament. Barra minn hekk, l-analiżi aġġornata tar-riskju tal-pesti tal-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti (OEPP) ta' Ġunju 2024 ([4]) innotat li s-sitwazzjoni rigward dan il-pest evolviet tant li kien hemm żieda fiż-żona ta' distribuzzjoni tagħha fid-dinja kollha.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.
([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1032 tal-25 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV, Tomato brown rugose fruit virus) u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1191 (ĠU L 139, 26.5.2023, p. 34; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1032/oj).
([4]) OEPP (2024) Analiżi tar-riskju tal-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam. OEPP, Pariġi. Disponibbli fuq https://gd.eppo.int/taxon/TOBRFV/documents.

(3) Abbażi tar-rapporti tal-Istati Membri u l-analiżi tar-riskju tal-OEPP, ġie konkluż li l-pest speċifikat huwa preżenti b'mod wiesa' fit-territorju tal-Unjoni, u għalhekk ma jistax jikkwalifika bħala pest ta' kwarantina fl-Unjoni jew ikun soġġett għall-miżuri skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031. Barra minn hekk, dan jiġi trażmess prinċipalment permezz ta' pjanti speċifiċi għat-tħawwil, u l-preżenza tiegħu fuq dawk il-pjanti jkollha impatt ekonomiku inaċċettabbli fir-rigward tal-użu maħsub tagħhom. Fl-aħħar nett, miżuri fattibbli u effettivi huma disponibbli biex jipprevjenu l-preżenza tiegħu fuq il-pjanti għat-tħawwil ikkonċernati. Il-pest speċifikat issa jissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2016/2031 biex jiġi elenkat bħala pest regolat mhux ta' kwarantina fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-pest speċifikat jiġi elenkat bħala pest regolat mhux ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([5]), b'limitu ta' tolleranza ta' 0 %, u jkun soġġett għal miżuri xierqa biex tiġi evitata l-preżenza tiegħu fuq il-pjanti speċifikati.

(4) Peress li l-pest speċifikat jiġi trażmess permezz tal-pjanti għat-tħawwil tas-*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu, u tal-*Capsicum annuum* L., jenħtieġ li jiġi elenkat, fir-rigward ta' dawk il-pjanti għat-tħawwil, fil-Parti F u fil-Parti I tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, rigward iż-żrieragħ tal-ħxejjex u l-materjal tal-propagazzjoni u tat-tħawwil tal-ħxejjex għajr iż-żrieragħ rispettivament.

(5) Sabiex jiġi żgurat li ż-żrieragħ tas-*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu, u ż-żrieragħ tal-*Capsicum annuum* L ikunu ħielsa mill-pest speċifikat, huwa xieraq li jkun meħtieġ li jiġi ssodisfat wieħed miż-żewġ rekwiżiti li ġejjin: jew iż-żrieragħ joriġinaw minn pajjiż stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti bħala ħieles mill-pest speċifikat, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji (ISPM, International Standards for Phytosanitary Measures), jew dawk iż-żrieragħ ikunu soġġetti għal ittestjar uffiċjali, jew ittestjar minn operaturi professjonisti taħt superviżjoni uffiċjali, għall-preżenza tal-pest speċifikat mad-dħul tagħhom fl-Unjoni, jew qabel ma jiġu mċaqalqa fl-Unjoni, u jinstabu li huma ħielsa minn dak il-pest f'dawk it-testijiet.

(6) Sabiex tiġi evitata qerda eċċessiva taż-żrieragħ fil-każ ta' lottijiet żgħar taż-żerriegħa tas-*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu, u tal- *Capsicum annuum* L. li joriġinaw minn 30 pjanta omm jew inqas minn 30 pjanta omm, jixraq li l-pjanti omm biss, u mhux iż-żrieragħ tagħhom, ikunu soġġetti għall-ittestjar.

(7) Sabiex jiġi żgurat li l-pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ, tas-*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu, u taż-żrieragħ tal-*Capsicum annuum* L ikunu ħielsa mill-pest speċifikat, huwa xieraq li jkun meħtieġ li jiġi ssodisfat wieħed miż-żewġ rekwiżiti li ġejjin: jew il-pjanti għat-tħawwil ikunu joriġinaw minn pajjiż stabbilit mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti bħala ħielsa mill-pest speċifikat, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji jew il-pjanti għat-tħawwil ikunu ġejjin minn żrieragħ li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti E tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 u jkunu nżammu f'kundizzjonijiet ta' iġjene xierqa biex tiġi evitata l-infezzjoni.

(8) Il-pjanti għat-tħawwil li jappartjenu għal varjetajiet ta' *Capsicum annuum* L. li huma magħrufa li huma reżistenti għall-pest speċifikat, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u r-rati rispettivi ta' kontrolli, peress li r-riskju fitosanitarju rispettiv huwa aċċettabbli u dik ir-reżistenza hija dokumentata u kontrollata biżżejjed mill-awtoritajiet kompetenti.

(9) L-Anness XI, il-Parti A, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jelenka dawk il-pjanti li għalihom huwa meħtieġ ċertifikat fitosanitarju. Peress li tali ċertifikat jenħtieġ li jkun rikjest għall-pjanti għat-tħawwil tas-*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu u tal-*Capsicum annuum* L, huwa xieraq li dak l-Anness jiġi emendat skont dan. L-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jelenka dawk il-pjanti li għalihom huwa meħtieġ passaport tal-pjanti. Peress li jenħtieġ li jkun rikjest passaport tal-pjanti għall-pjanti għat-tħawwil tas-*Solanum lycopersicum* L. u tal-ibridi tiegħu, u tal-*Capsicum annuum* L., huwa xieraq li dak l-Anness jiġi emendat skont dan.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).

(10) F'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2389 ([6]), ir-rata ta' frekwenza għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinni tal-pjanti għat-tħawwil li jidħlu fl-Unjoni trid tkun ta' 100 %. Minħabba l-għadd ta' interċettazzjonijiet ta' kunsinni ta' pjanti għat-tħawwil tas-*Solanum lycopersicum* L. u tal-ibridi tagħhom, u tal-*Capsicum annuum* L. affettwati mill-pest speċifikat matul l-aħħar 3 snin, jixraq li tinżamm id-deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389 li hija prevista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1032 dwar ir-rati ta' frekwenza minimi tal-kampjunar u tal-ittestjar bħala parti mill-verifiki fiżiċi fir-rigward ta' dak il-pest. Minħabba l-għadd akbar ta' interċettazzjonijiet ta' dak il-pest f'dawk il-pjanti li joriġinaw minn Iżrael u miċ-Ċina meta mqabbel ma' pajjiżi terzi oħra, jixraq li jinżammu r-rati ta' frekwenza ogħla stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1032 għall-kunsinni li fihom dawk il-pjanti.

(11) Fid-dawl tar-riskju ppreżentat mill-pest speċifikat u sabiex titqies l-evoluzzjoni tal-għadd ta' interċettazzjonijiet, id-deroga dwar ir-rati ta' frekwenza minimi jenħtieġ li tkun ta' natura temporanja.

(12) Peress li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1032 se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun u jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2025 sabiex tiġi evitata kwalunkwe lakuna legali.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Rati ta' frekwenza tal-kontrolli uffiċjali mal-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti għat-tħawwil ta' *Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu u ta' *Capsicum annuum* L. fir-rigward tat-ToBRFV

1. B'deroga mill-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2389, għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

2. Il-kampjunar u l-ittestjar bħala parti mill-verifiki fiżiċi għall-preżenza tal-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam ("ToBRFV") għandhom jitwettqu fuq mill-inqas 20 % tal-kunsinni ta' dawk il-pjanti għat-tħawwil tas-*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu, u tal-*Capsicum annuum* L li joriġinaw minn pajjiżi terzi.

3. Madankollu, il-kampjunar u l-ittestjar għall-preżenza tat-ToBRFV għandhom jitwettqu fuq 50 % tal-kunsinni tal-pjanti għat-tħawwil tas-*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu u tal-*Capsicum annuum* L. li joriġinaw minn Iżrael, u fuq 100 % tal-kunsinni ta' dawk il-pjanti li joriġinaw miċ-Ċina.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2389 tas-7 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni uniformi tar-rati ta' frekwenza għall-verifiki tal-identità u għall-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinni ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li jidħlu fl-Unjoni (ĠU L 316, 8.12.2022, p. 42; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/2389/oj).

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2025.

L-Artikolu 2 għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huwa emendat kif ġej:

1) l-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti F, tiżdied ir-ringiela li ġejja mat-tabella taħt it-titolu "Viruses, virojdi, mard simili għal viruses u fitoplażmi":

"Virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV, Tomato brown rugose fruit virus)	*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu *Capsicum annuum* L. għajr iż-żrieragħ li jappartjenu għal varjetà magħrufa li hija reżistenti għat-ToBRFV	0 %"

(b) fil-Parti I, ir-ringiela li ġejja tiddaħħal bejn it-tielet u r-raba' ringieli tat-tabella, taħt it-titolu "Viruses, virojdi, mard simili għal viruses u fitoplażmi":

"Virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV, Tomato brown rugose fruit virus)	*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu *Capsicum annuum* L. għajr iż-żrieragħ li jappartjenu għal varjetà magħrufa li hija reżistenti għat-ToBRFV	0 %"

2) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti E, jiżdiedu r-ringieli li ġejja mat-tabella, taħt it-titolu "Viruses, virojdi, mard simili għal viruses u fitoplażmi":

"Virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV, Tomato brown rugose fruit virus)	*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu	(a) iż-żrieragħ joriġinaw minn pajjiż stabbilit bħala ħieles mit-ToBRFV mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti ta' dak il-pajjiż, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji jew (b) (i) iż-żrieragħ ikunu ġew ittestjati b'mod uffiċjali jew ittestjati minn operaturi professjonisti taħt superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti għat-ToBRFV, fuq kampjun rappreżentattiv u bl-użu ta' metodi molekulari xierqa, u f'dawn it-testijiet, ikunu nstabu ħielsa minn dak il-pest; jew (ii) fil-każ ta' lott taż-żrieragħ li joriġina minn 30 pjanta omm jew inqas minn 30 pjanta omm, iż-żrieragħ, jew il-pjanta omm ta' dawk iż-żrieragħ, ikunu ġew soġġetti għal ittestjar uffiċjali, jew ittestjar mill-operatur professjonist taħt superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti, għall-preżenza tat-ToBRFV fuq kampjun rappreżentattiv u bl-użu ta' metodi molekulari xierqa, u jkunu nstabu, f'dawk it-testijiet, ħielsa minn dak il-pest.

Virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV, Tomato brown rugose fruit virus)	*Capsicum annuum* L., għajr iż-żrieragħ li jappartjenu għal varjetà magħrufa li hija reżistenti għat-ToBRFV	(a) iż-żrieragħ joriġinaw minn pajjiż stabbilit bħala ħieles mit-ToBRFV mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti ta' dak il-pajjiż, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji; jew (b) (i) iż-żrieragħ ikunu ġew ittestjati b'mod uffiċjali jew ittestjati minn operaturi professjonisti taħt superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti għat-ToBRFV, fuq kampjun rappreżentattiv u bl-użu ta' metodi molekulari xierqa, u f'dawn it-testijiet, ikunu nstabu ħielsa minn dak il-pest; jew (ii) fil-każ ta' lott taż-żrieragħ li joriġina minn 30 pjanta omm jew inqas minn 30 pjanta omm, iż-żrieragħ, jew il-pjanta omm ta' dawk iż-żrieragħ, ikunu ġew ittestjati b'mod uffiċjali jew ittestjati minn operaturi professjonisti taħt superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti, għall-preżenza tat-ToBRFV fuq kampjun rappreżentattiv u bl-użu ta' metodi molekulari xierqa, u jkunu nstabu, f'dawk it-testijiet, ħielsa minn dak il-pest."

(b) fil-Parti H, ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu bejn it-tielet u r-raba' ringieli tat-tabella, taħt it-titolu "Viruses, virojdi, mard simili għal viruses u fitoplażmi":

"Virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV, Tomato brown rugose fruit virus)	*Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu	(a) il-pjanti għat-tħawwil li joriġinaw minn pajjiż stabbilit bħala ħieles mit-ToBRFV mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti ta' dak il-pajjiż, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji; jew (b) il-pjanti għat-tħawwil ikunu ġejjin minn żrieragħ li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti E ta' dan l-Anness, u jkunu nżammu f'kundizzjonijiet ta' iġjene xierqa biex tiġi evitata l-infezzjoni.
Virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (ToBRFV, Tomato brown rugose fruit virus)	*Capsicum annuum* L. għajr iż-żrieragħ li jappartjenu għal varjetà magħrufa li hija reżistenti għat-ToBRFV	(a) il-pjanti għat-tħawwil li joriġinaw minn pajjiż stabbilit bħala ħieles mit-ToBRFV mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti ta' dak il-pajjiż, f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji; jew (b) il-pjanti għat-tħawwil ikunu ġejjin minn żrieragħ li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti E ta' dan l-Anness, u jkunu nżammu f'kundizzjonijiet ta' iġjene xierqa biex tiġi evitata l-infezzjoni."

3) Fl-Anness XI, il-parti A, il-punt 9 huwa sostitwit b'dan li ġej

"9. Żrieragħ tal-ħxejjex ta':		Il-pajjiżi terzi kollha
Capsicum annuum L.	ex 1209 91 80	
Pisum sativum L.	Żrieragħ tal-piżelli *(Pisum sativum)*, għaż-żrigħ: 0713 10 10	
Solanum lycopersicum L. u l-ibridi tiegħu	ex 1209 91 80	
Vicia faba L.	Żrieragħ tal-ful u ful ta' varjetà raffa, għaż-żrigħ: ex 0713 50 00 — Oħrajn, żrieragħ għaż-żrigħ: ex 0713 90 00."	

4) Fl-Anness XIII, il-punt 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Żerriegħa, meta l-moviment tagħha jitwettaq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/55/KE, u li għaliha jkunu ġew elenkati l-pesti kkontrollati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni speċifiċi skont l-Artikolu 37(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031 fl-Anness IV, ta':

— *Allium cepa* L.,

— *Allium porrum* L.,

— *Capsicum annuum* L.,

— *Phaseolus coccineus* L.,

— *Phaseolus vulgaris* L.,

— *Pisum sativum* L.,

— *Solanum lycopersicum* L. u l-ibridi tiegħu,

— *Vicia faba* L."